MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1447/2003

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**James Marsala**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Lulju, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u disgha u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm399.60) rappresentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99226338.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz u bl-imghaxijiet mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-27 ta' Frar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u disgha u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm399.60), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------